IL-KUMMISSJONI EWROPEA




**NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI TAT-TAXXA (NIT)**

**NIT skont is-suġġett: Struttura u Deskrizzjoni tan-NIT**


1. AT – L-Awstrija ..... 3
2. BE – Il-Belġju ..... 3
3. BG – Il-Bulgarija ..... 3
4. CY – Ċipru ..... 4
5. CZ – Ir-Repubblika Ċeka ..... 4
6. DE – Il-Ġermanja ..... 4
7. DK – Id-Danimarka ..... 5
8. EE – L-Estonja ..... 5
9. EL – Il-Greċja ..... 6
10. ES – Spanja ..... 6
11. FI – Il-Finlandja ..... 6
12. FR – Franza ..... 7
13. HR - Il-Kroazja ..... 7
14. HU – L-Ungerija ..... 7
15. IE – L-Irlanda ..... 8
16. IT – L-Italja ..... 8
17. LT – Il-Litwanja ..... 9
18. LU – Il-Lussemburgu ..... 9
19. LV – Il-Latvja ..... 9
20. MT – Malta ..... 10
21. NL – Il-Pajjiżi l-Baxxi ..... 10
22. PL – Il-Polonja ..... 10
23. PT – Il-Portugall ..... 11
24. RO – Ir-Rumanija ..... 11
25. SE – L-Isvezja ..... 11
26. SI – Il-Slovenja ..... 12
27. SK – Is-Slovakkja ..... 13

29. Avviż Legali ........................................................................................................ 13

# 1. AT – L-Awstrija

## 1.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 999/9999<br>99-999/9999 | 7 figuri<br>9 figuri | Is-sing u s-slash mhumiex obbligatorji f'kull każ (pereż. għall-iskop tal-ipproċessar tal-IT għandhom jitneħħew). |

## 1.2. Deskrizzjoni tan-NIT

L-Awstrija toħroġ NIT li ma jinġibux fuq id-dokumenti ta' identifikazzjoni uffiċjali. In-NIT jinħareġ mill-Uffiċċji Lokali tat-Taxxa lil kontribwenti li jkunu residenti fiż-żona ta' kompetenza ta' dawn l-Uffiċċji, meta jitolbu xi servizz mingħand l-uffiċċju lokali. Dan ifisser li NIT jista' jinbidel meta kontribwent jibdel il-post ta' residenza.

# 2. BE – Il-Belġju

## 2.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 99999999999 | 11-il ċifra | Għall-iskopijiet ta' pproċessar tal-IT, in-NIT għandu jitniżżel bħala blokk ta' 11-il ċifra mingħajr l-ebda punt, spazju, sing jew slash. |

## 2.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Il-Belġju joħroġ NIT li jinġiebu fuq dokumenti ta' identifikazzjoni uffiċjali. Fil-każ ta' individwi n-NIT jikkorrispondi man-"Numéro National (NN)", li jingħata meta ssir reġistrazzjoni fir-Reġistru nazzjonali tal-persuni fiżiċi. Dan in-numru ta' identifikazzjoni jikkonsisti minn ħdax-il ċifra u huwa numru uniku ta' identifikazzjoni għal kull persuna rreġistrata.

# 3. BG – Il-Bulgarija

## 3.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 9999999999 | 10 figuri | Numru ta' Identifikazzjoni Personali (Numru Ċivili Unifikat) |
| 9999999999 | 10 figuri | Numru Personali ta' Barrani / Numru uffiċjali mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Introjtu (ANI)<br>Nota: dan in-numru ta' identifikazzjoni ma jistax jiġi vvalidat fil-modulu ta' verifika onlajn |

Għal skopijiet ta' taxxa fir-Repubblika tal-Bulgarija l-Aġenzija Nazzjonali tal-Introjtu (ANI) tuża l-identifikazzjonijiet li ġejjin bħala NIT:

1. Għal ċittadini Bulgari: Numru ta' Identifikazzjoni Personali (Numru Ċivili Unifikat Bulgaru), li jikkonisti minn blokk ta' 10 figuri;
2. Għall-barranin, residenti fil-Bulgarija għal skopijiet ta' taxxa: Numru ta' Identifikazzjoni, li jikkonsisti minn blokk ta' 10 figuri (jekk jogħġbok żomm f'moħħok li dan in-numru ta' identifikazzjoni ma jistax jiġi vvalidat fil-modulu tal-verifika onlajn)

### 3.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Għall-identifikazzjoni ta’ ċittadini Bulgari: l-Aġenzija Nazzjonali tal-Introjtu Bulgura (ANI) tuża NĊU (Numru Ċivili Unifikat) bħala Numru ta’ Identifikazzjoni Personali - NIT. In-numru personali jinġiebu fuq id-dokumenti uffiċjali tal-identità Bulgari.

Għall-identifikazzjoni ta’ barranin li jkunu residenti fil-Bulgarija għal skopijiet ta’ taxxa, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Introjtu Bulgura tuża bħala NIT in-Numru Personali ta’ Barrani / in-Numru Uffiċjali mir-Reġistru ANI, li jikkonsisti minn blokk ta’ 10 figuri. L-ANI toħroġ Ċertifikat ta’ Residenza Fiskali li t-tali persuna tkun residenti fil-Bulgarija għal skopijiet ta’ taxxa fi ħdan it-tifsira tal-Konvenzjoni dwar it-Taxxa Doppja u hija suġġetta li tħallas it-taxxa fuq id-dħul tagħha minn madwar id-dinja fir-Repubblika tal-Bulgarija. Fiċ-Ċertifikat jitniżżel in-numru NIT.

## 4. CY – Ċipru

### 4.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 99999999L | 8 figuri u ittra waħda | L-ewwel figura tkun dejjem 0 (żero) fil-każ ta' individwi. |

### 4.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Ċipru joħroġ NIT li ma jinġibux fuq dokumenti uffiċjali ta’ identifikazzjoni.

In-NIT f’Ċipru jinħareġ mar-reġistrazzjoni fuq id-Dateabase tal-Awtorità tat-Taxxa. In-NIT hu magħruf bħala l-Kodiċi ta' Identfikazzjoni tat-Taxxa (*Tax Identification Code* -TIC).

## 5. CZ – Ir-Repubblika Ċeka

### 5.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 999999/999 | 9 figuri | Għall-iskop tal-ipproċessar tal-IT, in-NIT għandu jinkiteb bħala blokk sħiħ, mingħajr is-slash. |
| 999999/9999 | 10 figuri | Għall-iskop tal-ipproċessar tal-IT, in-NIT għandu jinkiteb bħala blokk sħiħ, mingħajr is-slash. |

### 5.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Ir-Repubblika Ċeka tuża numri jixbħu lil dawn tan-NIT (Numru Personali) biex tidentifika lill-kontribwenti tagħha. Fuq id-dokumenti uffiċjali ta’ identifikazzjoni jinġiebu numri jixbħu lin-NIT bħala “numru personali”.

## 6. DE – Il-Ġermanja

### 6.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 99999999999 | 11-il figura | NIT ġdid: Identifikationsnummer (IdNr.) (individwi biss): ara taħt |

### 6.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Il-Ġermanja toħroġ NIT li ma jinġibux fid-dokumenti ta' identifikazzjoni uffiċjali.

Identifikationsnummer (NIT ġdid – fil-qosor: IdNr.): disponibbli mill-2008, jikkonsisti minn 11-il figura u japplika għal persuni individwali. Għall-quddiem, dan in-NIT se jieħu post dak ta' qablu (Steuernummer), iżda bħalissa t-tnejn għandhom valur legali.

Identifikationsnummer jistgħu jidentifikaw il-kontribwenti li jkunu persuni naturali.

## 7. DK – Id-Danimarka

### 7.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 999999-9999 | 10 figuri | Hemm sing bejn is-sitt u s-seba' figura. Għall-iskopijiet tal-ipproċessar tal-IT, in-NIT għandu jitniżżel bħala blokk ta' 10 figuri mingħajr sing. |

*Riżerva: In-numru tas-CPR (NIT) allokati wara l-1 ta' Ottubru 2007 xi kultant jidhru bi standard differenti. Dawn in-numru tas-CPR (NIT) ma jistgħux jiġu vverifikati onlajn permezz tal-websajt nazzjonali.*

### 7.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Id-Danimarka toħroġ NIT (Numri tas-CPR) li jinġiebu fuq dokumenti ta' identifikazzjoni uffiċjali.

L-Uffiċċju Ċentrali tar-Reġistrazzjoni Ċivili jinsab taħt il-Ministeru tal-Intern u s-Saħħa. Dan l-uffiċċju huwa inkarigat mis-Sistema Daniża ta' Reġistrazzjoni Ċivili (CRS) u jopera bħala l-fornitur ewlieni ta' informazzjoni personali bażika lil awtoritajiet pubbliċi u lis-settur privat.

Fis-sistema Daniża tas-CPR, jiġi allokat numru tar-reġistrazzjoni ċivili lil kull persuna li:

1. ikun irreġistrat nazzjonalment fid-Danimarka minħabba twelid jew riallokazzjoni minn barra l-pajjiż;

2. ikun imdaħħal taħt il-Fond tal-Pensjoni Supplimentari tas-Suq tax-Xogħol Daniż (ATP);

3. skont l-awtoritajiet tat-taxxa, irid ikollu numru bħal dan sabiex ikunu jista' jiġi pproċessat fid-Danimarka dak kollu li għandu x'jaqsam ma' taxxa.

In-NIT huwa uniku għall-persuna u għalhekk jiffunzjona bħala identifikazzjoni ta' kull individwu. Kważi l-amministraturi pubbliċi kollha jużaw in-numru ta' identifikazzjoni, biex jevitaw dupplikazzjoni fir-reġistrazzjoni u biex jiġu evitati żbalji fejn tidħol l-identità ta' persuna. L-użu tan-numru tal-identità jiffaċilita l-kollaborazzjoni wkoll bejn l-Uffiċċju Ċentrali tar-Reġistrazzjoni Ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi li jirċievu d-dejta mingħand is-CRS.

## 8. EE – L-Estonja

### 8.1. L-għamla tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 99999999999 | 11-il figura | N/A |

### 8.2. Deskrizzjoni tan-NIT

L-Estonja toħroġ NIT li jinġiebu fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni.

## 9. EL – Il-Greċja

### 9.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 999999999 | 9 figuri | N/A |

### 9.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Il-Greċja toħroġ numru tan-NIT (numri tas-CPR) li ma jinġibux fuq dokumenti ta' identifikazzjoni uffiċjali.

## 10. ES – Spanja

### 10.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kummenti* |
|---|---|---|
| - 99999999L | - 8 figuri + ittra | Persuni Fiżiċi Spanjoli: DNI* |
| - L9999999L | - L + 7 figuri + ittra | Spanjoli mhux residenti mingħajr DNI* |
| - K9999999L | - K + 7 figuri + ittra | Spanjoli residenti taħt l-14-il sena mingħajr DNI* |
| - X ó Y ó Z 9999999 | - X/Y/Z + 7 figuri + ittra | Barranin b'NIE** |
| - M9999999L | - M + 7 figuri + ittra | Barranin mingħajr NIE** |

* DNI = Documento Nacional de Identidad *(Karta tal-Identità Nazzjonali)*
** NIE = Número de Identificación de Extranjero *(Numru ta' Identifikazzjoni ta' Barranin)*

### 10.2. Deskrizzjoni tan-NIT

In-NIT għall-persuni fiżiċi Spanjoli huma **unikament** għal skopijiet ta' taxxa u ta' dwana u jkun fih **disa' karattri, li l-aħħar wieħed minnhom tkun ittra għall-kontroll.**

- **Persuni fiżiċi ta' nazzjonalità Spanjola:** Ġeneralment, in-NIT ikun in-numru fuq il-Karta tal-Identità Nazzjonali tiegħek, maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Interni (id-Direttorat Ġenerali tal-Pulizija). L-Amministrazzjoni tat-Taxxa se tipprovdi lil persuni fiżiċi Spanjoli li ma humiex obbligati li jkollhom Karta tal-Identità Nazzjonali (DNI) b'Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) li jkun jibda' b'L (Spanjoli mhux residenti) jew b'K (Spanjoli residenti li jkunu taħt l-eta' ta' 14-il sena), meta tintalab tagħmel dan.

- **Persuni fiżiċi mhux ta' nazzjonalità Spanjola:** Ġeneralment, in-Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) ikun in-Numru ta' Identifikazzjoni ta' Barranin (NIE), ukoll maħruġ mill-Ministeru tal-Affarijiet Interni. Persuni fiċiżi li ma jkunux ta' nazzjonalità Spanjola li ma jkollhomx Numru ta' Identifikazzjoni ta' Barranin (NIE) iżda li jkollhom bżonn ta' Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) għaliex ikunu se jagħmlu tranżazzjonijiet li jkunu jinvolvu t-tassazzjoni Spanjola jistgħu jiksbu Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa li jibda' bl-ittra M, li jkun ta' natura tranżitorja, sakemm jiksbu Numru ta' Identifikazzjoni ta' Barranin (NIE), fejn ikun ixeraq, ukoll maħruġ mill-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

## 11. FI – Il-Finlandja

### 11.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 999999(+/-/A)999(L/9) | 11-il karattru:<br>- 6 figuri<br>- karattru wieħed li jista' jkun + (plus), - (minus) jew l-ittra A | Is-seba' karattru (+, - jew A) jirrappreżenta s-seklu tat-twelid u ma jistax jinqabeż: dan il-karattru għandu jinkiteb u jiġi rreġistrat fir-rekords kollha. |

| | | |
|---|---|---|
| | - 3 figuri<br>- karattru alfanumeriku wieħed (1) | Il-karattru + ifisser: imwieled bejn 1800 u l-1899, - ifisser imwieled bejn l-1900 u l-1999 u A jfisser mis-sena 2000 'il quddiem.<br>Dan il-karattru ma għandu l-ebda tifsira oħra. |

### 11.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Il-Finlandja toħroġ NIT li jitniżżel fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni. In-NIT huwa n-numru tas-Sigurtà Soċjali Finlandiża, li jingħata mat-twelid jew meta persuna temigra lejn il-Finalndja miċ-Ċentru ta' Reġistrazzjoni tal-Popolazzjoni tal-Finlandja.

## 12. FR – Franza

### 12.1. Struttura tal-NIT

| Format | Spjega | Kumment |
|---|---|---|
| 99 99 999 999 999 | In-numru tal-identifikazzjoni tat-taxxa (NIT) huwa magħmul minn 13-il ċifra | L-ewwel ċifra tal-NIT hija "0", "1", "2" jew "3".<br>Għall-finijiet tal-ipproċessar elettroniku, l-NIT għandu jinkiteb bit-13-il ċifra wara xulxin mingħajr spazju. |

### 12.2. Deskrizzjoni tal-NIT

L-awtoritajiet tat-taxxa Franċiżi jagħtu numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa lil kull persuna fiżika li għandha l-obbligu li tiddikjara t-taxxi fi Franza.

In-numru tal-identifikazzjoni tat-taxxa (NIT) jiġi assenjat meta l-persuna tiġi rreġistrata fil-bażi tad-dejta tal-awtoritajiet tat-taxxa. Dan huwa magħruf bħala n-“numru ta’ referenza tat-taxxa” (jew in-numru “SPI”, Simplification des Procédures d’Imposition - is-Simplifikazzjoni tal-Proċeduri tat-Taxxa). Dan jiġi assenjat lil kwalunkwe persuna li tiġi rreġistrata fis-sistema ta’ reġistrazzjoni tad-Direttorat Ġenarali tal-Finanzi Pubbliċi (DGFiP) (il-PERS referenzjarju) għat-taxxi kollha. Huwa numru ta’ identifikazzjoni uniku, mhux signifikanti, affidabbli u permanenti.

## 13. HR - Il-Kroazja

### 13.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Tifsira* | *Kummenti* |
|---|---|---|
| 99999999999 | Blokka waħda ta' 11-il ċifra | Mhux applikabbli |

### 13.2. Deskrizzjoni tan-NIT

In-numru ta' identifikazzjoni personali huwa l-identifikatur kostanti ta’ kwalunkwe persuna (fiżika jew ġuridika) li l-awtoritajiet pubbliċi jużaw fir-reġistri uffiċjali, fix-xogħol ta' kuljum tagħhom u fl-iskambju tad-dejta. In-numru ta' identifikazzjoni personali iddaħħal fir-Repubblika tal-Kroazja fl-1 ta' Jannar 2009 u mill-1 ta' Jannar 2011 beda jiġi applikat b'mod sħiħ, li jfisser li n-numru ta' identifikazzjoni personali sar l-uniku identifikatur ta' persuni fis-sistema legali Kroata.

## 14. HU – L-Ungerija

### 14.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| 9999999999 | 10 figuri | N/A |

### 14.2. Deskrizzjoni tan-NIT

L-Ungerija toħroġ NIT li ma jitnizżilx fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni.

Persuna fiżika tingħata NIT jekk hija jkollha introjtu taxxabbli. L-aġent tal-pagament għandu jindika dan in-numru fuq id-dokumenti tal-pagament.

## 15. IE – L-Irlanda

### 15.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 9999999L(W) | 7 figuri + ittra 1 jew 2 | Jista' jkun ittra waħda jew tnejn fl-aħħar: jekk ikun hemm żewġ ittri, it-tieni waħda għandha dejjem tkun "W". |

### 15.2. Deskrizzjoni tan-NIT

L-Irlanda toħroġ NIT, li ma jitniżżilx fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni. In-numru li jintuża għall-identifikazzjoni tal-kontribwenti huwa n-Numru Personali tas-Servizz Pubbliku (Nru tal-PPS). Dan in-numru jinħareġ mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Soċjali iżda jintuża wkoll mill-Kummissarji tad-Dħul għall-identifikazzjoni tal-kontribwenti.

In-numri tal-PPS jinħarġu awtomatikament mar-reġistrazzjoni tat-twelid fil-każ ta' tfal imwielda fil-pajjiż. Kwalunkwe persuna oħra jkollha tressaq applikazzjoni fl-uffiċċju tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Soċjali. Ladarba jinħareġ, in-numru tal-PPS ma jinbidel qatt.

## 16. IT – L-Italja

### 16.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| LLLLLL99L99L999L | 16-il karattru (6 ittri + 2 figuri + ittra 1 + 2 figuri + ittra 1 + 3 figuri + ittra 1) | N/A |

### 16.2. Deskrizzjoni tan-NIT

L-Italja toħroġ in-NIT (bit-Taljan: *Codice fiscale*) li ma jitniżżilx fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni.

Ir-regoli ġenerali dwar l-għoti ta' NIT lil individwi u persuni għajr l-individwi huma stabbiliti mid-Digriet Presidenzjali Nru 605 tad-29/09/1973.

TIN ikun validu jekk jiġi rreġistrat fir-Reġistru Taljan dwar it-Taxxa ammnistrat mill-Aġenzija Taljana tad-Dħul (Agenzia delle Entrate).

Il-persuni li ma jkollhomx NIT għandhom iressqu talba lil kwalunkwe Uffiċċju tal-Aġenzija Taljana tad-Dħul. It-talba trid tindika d-dejta personali u d-domiċilju korrett, u mbagħad jirċievu karta li tindika n-NIT li jingħata. Meta ssir it-talba, iċ-ċittadini Taljani u tal-UE jridu juru dokumenti ta' identifikazzjoni validu.

Fil-każ tal-minorenni, it-talba titressaq minn ġenitur, li jippreżenta d-dokument ta' identifikazzjoni tiegħu.

Fil-każ tat-tfal, in-NIT jiġi assenjat mill-muniċipalitajiet meta jiddaħħlu fir-reġistri għall-ewwel darba.

Alternattivament, iċ-ċittadini minn pajjiżi 'l barra mill-Unjoni Ewropea għandhom juru:

- passaport validu, b'viża jekk din tkun obbligatorja, jew dokument ekwivalenti approvat mill-awtoritajiet Taljani;
- ċertifikat tal-identità maħruġ mill-missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari fl-Italja tal-pajjiżi tal-oriġini (b'ritratt);
- permess ta' residenza validu;
- karta tal-identità maħruġa mill-muniċipalità ta' residenza.

L-uniku NIT aċċettabbli huwa dak li jinħareġ mill-Uffiċċji tad-Dħul (Agenzia delle Entrate). Ħadd ieħor ma huwa awtorizzat li jipproduċi programmi ta' softwer għall-komputazzjoni tan-NIT jew għall-istampar ta' karti.

## 17. LT – Il-Litwanja

### 17.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 99999999999 | 11-il figura | N/A |

### 17.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Il-Litwanja toħroġ NIT li jitniżżel fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni.

## 18. LU – Il-Lussemburgu

### 18.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 9999999999999 | 13-il figura | Ma japplikax |

### 18.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Għalissa, il-Lussemburgu għadu ma ħariġx in-NIT fis-sens strett tal-kelma, iżda sa mil-liġi tad-19.06.2013, ingħata numru tal-identitifikazzjoni bi 13-il figura lil kull persuna fiżika:

- irreġistrata fir-reġistru muniċipjali tal-persuni fiżiċi;
- irreġistrata bil-liġi f'fajl ta' amministrazzjoni pubblika;
- li hija ta' nazzjonalità Lussemburgiża u tgħix barra.

## 19. LV – Il-Latvja

### 19.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| DDMMYY99999 | Data tat-twelid + 5 figuri | - Data tat-twelid fil-format: DDMMYY<br>- Ma għandu jkun hemm l-ebda sing fir-rappurtar tan-NIT |

### 19.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Il-Latvja toħroġ kodiċi ta' identifikazzjoni personali (PIC) li jitniżżel fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni. Il-PIC jintuża bħala NIT. Dan jintuża f'kull dokument uffiċjali jew tranżazzjoni u jingħata mill-Uffiċċju taċ-Ċittadinanza u l-Kwistjonijiet tal-Migrazzjoni tal-Ministeru tal-Intern, bl-inklużjoni u l-aġġornament tad-dejta dwar il-persuna fiżika fir-Reġistru tal-Popolazzjoni. Il-kodiċi ta' identifikazzjoni personali tal-individwu ma jinbidilx, għajr f'każi meta id-data tat-twelid tkun speċifikata jew meta l-persuna tkun ġiet adottata.

L-unika differenza bejn il-PIC u n-NIT huwa s-sing bejn is-sitt u seba' karattri: dan is-sing ma jinsabx fin-NIT.

## 20. MT – Malta

### 20.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| (0000)999L sa 9999999L | 8 karattri:<br>- 7 figuri<br>- ittra waħda (M, G, A, P, L, H, B, Z) | Individwi li huma ċittadini Maltin<br>Nota 1: l-ewwel 4 figuri jistgħu jitħassru meta jkunu 0 (żero)<br>Nota 2: fil-każ ta' pproċessar bl-IT, it-tul ta' dan in-NIT irid ikun dejjem bi 8 karattri; l-ewwel 0 (żero) irid jiġi rreġistrat dejjem |
| 999999999 | 9 figuri | Individwi li mhumiex ċittadini Maltin |

### 20.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Għal dawk l-individwi li huma ċittadini Maltin, Malta tuża n-Numru tal-Karta tal-Identità bħala n-NIT, li jitniżżel fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni.

Dawk l-individwi li mhumiex ċittadini Maltin jistgħu jużaw NIT li jinħarġilhom mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, li jkun sensiela ta' 9 figuri.

## 21. NL – Il-Pajjiżi l-Baxxi

### 21.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 999999999 | 9 figuri | N/A |

### 21.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Il-Pajjiżi l-Baxxi joħroġ NIT li jitniżżel fuq id-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni.

## 22. PL – Il-Polonja

### 22.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 99999999999 | 11-il figura | Numru tal-PESEL |
| 9999999999 | 10 figuri | Numru tan-NIT |

### 22.2. Deskrizzjoni tan-NIT

#### 22.2.1. Deskrizzjoni tal-PESEL

Mill-1 ta' Settembru 2011, il-Polonja tirrikonoxxi bħala numru tal-identifikazzjoni tat-taxxa n-numru tal-PESEL mogħti lil persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru tal-PESEL u li ma jmexxux attivita kummerċjali u li mhumiex irreġistrati għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

Il-PESEL huwa simbolu numeriku kostanti ta' 11-il figura, li jidentifika b'mod uniku individwu speċifiku li huwa rreġistrat fid-database tal-PESEL (is-Sistema Elettronika Komuni tar-Reġistru tal-Popolazzjoni). Id-Dejta maħżuna fis-Sistema Elettronika Komuni tar-Reġistru tal-Popolazzjoni hija ttrasferita mid-database tal-uffiċċju muniċipali, li huma r-reġistri muniċipali ta' reġistrazzjoni.

Ir-reġistru tal-PESEL ilu jopera mill-1979 u jinkludi dettalji ta' persuni li jirrisjedu b'mod permanenti fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja, li huma ddomiċiljati għal skopijiet ta' residenza permanenti jew temporanja (aktar minn tliet xhur) u persuni li japplikaw għal karta tal-identità jew passaport, kif ukoll

persuni li skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi Pollakka jeħtieġ li jkollhom numru tas-sigurtà soċjali. In-numri tal-PESEL jingħataw mill-Ministeru responsabbli għall-Affarfijiet Interni.

#### 22.2.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Mill-1 ta' Settembru 2011, il-Polonja ħarġet NIT lil entitajiet oħrajn, li huma suġġetti għall-irreġistrar (jiġifieri individwi, persuni ġuridiċi, individwi li ma għandhomx il-personalità legali u entitajiet oħrajn) sakemm, skont l-atti Pollakki, jiġu identifikati bħala kontribwenti jew pagaturi tas-sigurtà soċjali jew tal-kontribuzzjonijiet tal-assikurazzjoni tas-saħħa.

Madankollu, in-numru tan-NIT mogħti fid-data tal-31 ta' Awwissu 2011 isir numru tal-identifikazzjoni tat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet tal-*Att tad-29 Lulju 2011 dwar ir-regoli li jirregolaw ir-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni* (Ġurnal Uffiċjali Nru 171, punt 1016), u għaldaqstant id-deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' tali numru tal-identifikazzjoni tat-taxxa jibqgħu fis-seħħ.

## 23. PT – Il-Portugall

### 23.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 999999999 | blokk wieħed ta' disa' figuri | L-aħħar figura hija figura ta' verifika. |

### 23.2. Deskrizzjoni tan-NIT

It-NIT jingħataw mill-Amministrazzjoni Portugiża tat-Taxxa.

## 24. RO – Ir-Rumanija

### 24.1. Struttura tan-NIT

| *Il-format* | *Spjega* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 9999999999999 | Blokka waħda ta' 13-il ċifra | Mhux applikabbli |

### 24.2. Deskrizzjoni tan-NIT

L-amministrazzjoni tat-taxxa Rumena toħroġ numri tal-identifkazzjoni tat-taxxa li huma rrapportati biss fuq id-dokumenti tat-taxxa uffiċjali u jistgħu jintużaw biss għal finijiet ta' taxxa. L-NIT (Codul de înregistrare fiscală) jinħareġ ukoll għal persuni tat-taxxa mhux residenti fir-Rumanija u huwa differenti mill-kodiċi ta' identifikazzjoni personali (CNP).

In-Numru ta' Identifikazzjoni Personali (CNP) jinħareġ mill-Ministeru tal-Intern.

## 25. SE – L-Isvezja

### 25.1. Struttura tan-NIT

| *Format* | *Spjegazzjoni* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 999999–9999<br>999999+9999 | 10 figuri | Numru tal-Identifikazzjoni Personali:<br>persuna fiżika li hija jew kienet residenti fl-Isvezja<br><u>Nota:</u> għall-fini tal-ipproċessar tal-IT, in-NIT għandu jinkiteb mingħajr ebda marka ta' plus (+) jew minus (-). |
| 999999–9999 | 10 figuri | Numru ta' koordinazzjoni:<br>persuna fiżika li mhijiex u li ma kinetx residenti fl-Isvezja<br><u>Nota:</u> għall-fini tal-ipproċessar tal-IT, in-NIT għandu jinkiteb mingħajr ebda marka ta' plus (+) jew minus (-). |

### 25.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Fl-Isvezja hemm żewġ tipi ta' NIT għall-persuni fiżiċi.

1. In-numru tal-identità personali (personnummer) għal persuni li huma jew li ġew irreġistrati fir-reġistru Svediżi tal-popolazzjoni u
2. In-numru ta' koordinazzjoni (samordningsnummer) għal persuni li mhumiex jew li ma ġewx irreġistrati fir-reġistri Svediżi tal-popolazzjoni.

In-numru tal-identità personali u n-numru ta' koordinazzjoni jintużaw f'bosta attivitajiet, kemm jekk pubbliċi jew privati u huma pubbliċi. Mistoqsijiet dwar min għandu ċertu numru tal-identità personali jew numru ta' koordinazzjoni jistgħu jsiru fi kwalunkwe Uffiċċju tat-Taxxa.

In-Numru tal-identità personali u n-Numru ta' koordinazzjoni jikkonsistu minn 10 figuri. Hemm ħajfin (jew sinjal ta' minus (-)) bejn is-sitt u s-seba' figura. Għal Numru tal-identità personali l-ħajfin jinbidel fi plus (+) fis-sena li l-persuna tagħlaq l-età ta' 100.

**1. In-numru tal-identità personali**
Dawk kollha rreġistrati fir-reġistru Svediż tal-popolazzjoni jingħatawlhom numru tal-identità personali bħala identifikazzjoni. In-Numri tal-identità personali jintużaw għall-identifikazzjoni f'bosta attivitajiet, kemm jekk tal-gvern u kemm jekk privati.

In-numri tal-identità personali huma permanenti u uniċi, li jfisser li n-numru jibqa' l-istess matul il-ħajja kollha tal-persuna u li m'hemm l-ebda numru tal-identità personali li huwa identiku għal ieħor. Jekk persuna aktar tard temigra mill-Isvezja u titneħħa mir-reġistri tal-popolazzjoni, din il-persuna żżomm in-numru tal-identità personali tagħha. Numru tal-identità personali ma jista' qatt jiġi sostitwit b'numru ta' koordinazzjoni.

In-numru tal-identità personali jrid jiġi ddikjarat fid-dikjarazzjoni tat-taxxa, fid-dikjarazzjonijiet tal-introjtu u f'dokumenti oħrajn li jittressqu mill-Aġenzija Svediża tat-Taxxa.

**2. In-numru ta' koordinazzjoni**
In-numru ta' koordinazzjoni huwa numru ta' identifikazzjoni uniformi għal persuni fiżiċi li mhumiex jew li ma ġewx irreġistrati fir-reġistri Svediżi tal-popolazzjoni.
L-Uffiċċju tat-Taxxa jista' jalloka biss numru ta' koordinazzjoni fuq it-talba ta' xi awtorità għal finijiet speċifiċi. Eżempji ta' tali finijiet huma li persuna għandha introjtu mill-impjieg jew tirċievi pensjoni li hija taxxabbli fl-Isvezja. Madankollu, kwalunkwe persuna li għandha numru ta' koordinazzjoni tista' tuża dan f'attivitajiet oħrajn, kemm dawk pubbliċi u dawk privati.
In-numru ta' koordinazzjoni għandu jkun permanenti u uniku, li jfisser li n-numru jibqa' għand il-persuna u li m'hemm ebda numru ta' koordinazzjoni li huwa identiku għal ieħor. Jekk aktar tard din il-persuna tiġi reġistrata fir-reġistru tal-popolazzjoni, in-numru ta' koordinazzjoni jiġi sostitwit b'numru tal-identità personali.
Jekk persuna soġġetta li tħallas it-taxxa tiġi allokata numru ta' koordinazzjoni, dan in-numru – bl-istess mod fir-rigward in-numru tal-identità personali – irid jiġi ddikjarat fid-dikjarazzjoni tat-taxxa, fid-dikjarazzjonijiet tal-introjtu u fid-dokumenti oħrajn li jitressqu lill-Aġenzija Svediża tat-Taxxa.
Persuna ma tistax tikseb dokument tal-identità uffiċjali man-numru ta' koordinazzjoni tagħha.

## 26. SI – Il-Slovenja

### 26.1. L-istruttura tat-TINs

| *Format* | *Tifsira* | *Kumment* |
|---|---|---|
| 99999999 | blokka waħda bi 8 ċifri | Mhux applikabbli |

### 26.2. Deskrizzjoni tat-TINs

L-Awtorità tat-Taxxa kompetenti toħroġ it-TINs iżda dawn ma jitniżżlux fid-dokumenti uffiċjali tal-identifikazzjoni. It-TINs għandhom jintużaw għal definizzjoni unika u għall-korrelazzjoni tad-dejta fir-reġistri li żżomm l-Amministrazzjoni Finanzjarja tar-Repubblika tas-Slovenja. It-TINs jintużaw għal kull taxxa.

## 27. SK – Is-Slovakkja

### 27.1. Struttura tan-NIT

Mhux applikabbli: Ara taqsima 2

### 27.2. Deskrizzjoni tan-NIT

Is-Slovakkja toħroġ in-NIT biss għal persuni (fiżiċi u ġuridiċi) li jwettqu attivitajiet kummerċjali u li jkollhom obbligu li jirreġistraw mal-uffiċċju lokali tat-taxxa. Ma jinħariġx NIT għal ċittadini tas-Slovenja li ma jkollhom obbligu li jirreġistraw mal-uffiċċju lokali tat-taxxa u għalhekk il-biċċa l-kbira tal-persuni fiżiċi ma għandhomx NIT. Is-Slovakkja tippreferi li d-**data tat-twelid** tintuża għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-direttiva dwar it-Tfaddil. Is-Slovakkja tirrekjedi li d-data tat-twelid tiġi rreġistrata kif strutturata fuq il-passaport kif ukoll fuq il-karta tal-identità uffiċjali: DD.MM.YYYY.

## 28. Avviż Legali

L-informazzjoni dwar in-Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) u l-użu tal-modulu onlajn għall-verifika tan-NIT disponibbli fuq dan il-Portal Ewropew tan-NIT Portal, huma suġġetti għal dikjarazzjoni ta' rinunċja, avviż dwar id-drittijiet tal-awtur u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza